# Is-Sħab

Sa minn mindu kont żgħir ħafna kont nieħu gost inħares lejn is-sema. Darba,



meta l-mamà kienet għadha tgħix magħna u meta n-nanna Grace u Frisk kienu għadhom ħajjin, konna morna nofstanhar Ta' Qali. Il-papà kien ġabli t-*tricycle* biex inkun nista' noqgħod indur biha, imma jien kont sibt roqgħa ħaxix ftit imwarrba u nxħitt wiċċi 'l fuq inħares lejn is-sema. Il-mamà, il-papà u n-nanna Grace kienu mehdijin jitkellmu u Frisk kien f'ferneżija sħiħa ta' ġiri, xamm u esplorazzjoni. Kont domt ħafna waħdi mitluf inħares lejn is-sħab, iżda f'daqqa waħda s-sħab tgħatta u minfloku tfaċċa wiċċ in-nanna Grace. *(par. 1)*

"Ħsibtek irqadt," qaltli. "Xi ġralek?" "Xejn! Qed nara s-sħab."
"X'inti tara?" staqsietni. "Ftit ilu kien hemm żiemel wieqaf fuq saqajh ta' wara. Imma issa telaq u hemm ara...donnu qed jifforma dragun b'denbu twil." *(par. 2)*

In-nanna kienet imteddet ħdejja u flimkien qgħadna nfittxu l-annimali u l-monstri li kienu jitwieldu minn qalb is-sħab u jmutu ħelu ħelu biex iwelldu oħrajn. *(par. 3)*



Minn dak iż-żmien 'l hawn, is-smewwiet bis-sħab sar għalija kważi ossessjoni. Malli kull filgħodu kont inqum mis-sodda, arani nħaffef inġerri l-purtieri biex nara x'kien hemm lest għalija fuq l-*iscreen* tas-smewwiet. Meta jkun iċ-ċlampu u ma jidher xejn ħlief ċappa griża, kont inħossni bħal min jixgħel is-sett tat-TV u ma jilmaħ xejn ħlief ross. Kont indendel il-geddum u nqatta' l-ġurnata qalbi sewda, qisni ġejt ittradut minn min l-aktar inħobb. Imma tul April u Mejju, jew Settembru u Ottubru kont inkun tabilħaqq fis-seba' sema. Hekk kif nistenbaħ kont insib jistennieni spettaklu sħiħ, ta' sema' blu impitter bid-deheb, fidda u aħdar skur li kienu jibqgħu miegħu l-ġurnata kollha u jagħmluni ferħan bla ma naf għaliex. U fi nżul ix-xemx ta' Mejju u Ottubru (l-iktar xahrejn li joffru smewwiet ikkuluriti), kont inħoss sidri juġagħni bix-xewqa li tbaqbaq li nrabbi l-ġwienaħ biex nitlaq nittajjar qalb dawk il-ġonna misterjużi ta' tmiem il-jum. *(par. 4)*

*(Silta addattata mill-ktieb, "Sħab" ta' Trezor Żahra.)*